# Id-disinnji ta' fuq il-qniepen

## Disinji u wreaths li saru minn Vince Caruana



Il-faċċata tal-qniepen hija ddedikata lil Beatudnijiet. Fil-Beatudnijiet Ġesù fisser aktar fil-fond il-kmandamenti tat-tieni tavla. Huma joħorġu li l-valur ta' Alla huwa differenti mill-valur li tagħti d-dinja u jgħidilna min huma dawk li huma vera henjin. Dawn insibuhom fl-Evanġelu skont San Mattew, fid-diskors ta' Ġesù fuq il-muntanja. Għalhekk kull faċċata tirrapreżenta waħda mit-tmien beatudnijiet. Tikkumplimenta kull disinn tal-beatudnijiet, insibu r-wreath li tkompli ssaħħaħ il-ħsieb wara kull beatudni.



L-Ewwel Beatudni
*~ "Henjin il-fqar fl-ispirtu,*
*għax tagħhom hija s-saltna tassmewwiet."~*

DISINN: "Il-fqar fl-ispirtu" – li ma jiftaħrux quddiem Alla bil-kisbiet tagħhom. Huma fqar minn ġewwa, iħobbu u jilqgħu bis-sempliċita' dak li Alla jagħtihom. Ifisser ukoll li tkun umli m'Alla: taċċetta dak kollu, tindem u terga' ssib ir-rikonċiljazzjoni tiegħek miegħu. Dan il-ħsieb huwa rrappreżentat mill-kalċi: simbolu tal-Ewkaristija, meta Ġesu xerred demmu għalina fuq is-salib. Din it-tbatija hija rrappreżentata wkoll mill-kuruna tax-xewk. Il-fqar fl-Ispirtu, il-bżonn tal-Ħallieq Divin biex imexxina fit-triq tas-sewwa tidher fis-simbolu tal-Iskrittura Mqaddsa. Dan kollu sabiex iwassallna għat-tgawdija tal-Ġenna, hawn irrappreżentata minn kuruna.



WREATH: Il-warda, hekk magħrufa wkoll bħala roża, tintuża fl-arti reliġjuża sabiex tissimbolizza l-ferħ, il-ferħ etern li wieħed jista' jgawdi fil-Ġenna.



It-Tieni Beatudni
*~ "Henjin l-imnikkta,*
*għax huma jkunu mfarrġa." ~*

DISINN: "L-imnikkta" - Hemm niket li tilef kull tama li jfarrak lill-bniedem, u hemm niket li jiġi mix-xokk quddiem il-verita', li jwassal lill-bniedem għall-indiema u biex jerġa' jibda jittama u jħobb mill-ġdid. L-ajkla fi sfond ta' xemx hija simbolu tal-liberta' li tofri l-indiema u r-rikonċiljazzjoni m' Alla fil-ħajja. Ġesù hekk għamel: bata, miet, difnuh u qam minn bejn l-imwiet sabiex jerga' jgħaqqadna m' Alla, hekk muri mis-salib. Il-fjamma, simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu, li tisfaxxa f'dema hija l-konsolazzjoni u l-faraġ ta' l-imnikkta.



WREATH: Ir-rummiena, frotta qisha ballun isfar ħamrani b'kuruna żgħira fuq ir-ras, hija simbolu ta' qawmien, ta' ħajja ġdida u rikonċiljata.



It-Tielet Beatudni
*~ Henjin ta' qalbhom ħelwa,*
*għax huma jkollhom l-art bħala wirt ~*

DISINN: Dawk ta' qalbhom ħelwa huma l-mansweti, jiġifieri dawk li mhumiex bla qalb u kuraġġjużi. Rapreżentati mill-ħaruf, dawn ipoġġu flimkien il-verita' mal-imħabba. Ma jaslu qatt għall-vjolenza għax jafu li Alla huwa magħhom. Hekk juru s-simobli tal-alpha u l-omega: il-ħajja eterna ta' Kristu, u l-ħuta bl-ICHTHUS li tfisser 'Ġesu Kristu, l-Iben t'Alla, is-Salvatur'. Dawn ikollhom 'l-art bħala wirt' – post fil-ħajja dejjiema tal-Ġenna, rapreżentata bl-ilma fis-sfond.



WREATH: L-għeneb, frott tad-dielja, huwa bla dubju ta' xejn sinonimu bħala simbolu ta' l-Ewkaristija, id-demm ta' Kristu, is-Salvatur.



Ir-Raba' Beatudni
*~ "Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja,*
*għax huma jkunu mxebbgħa." ~*

DISINN: Dawk li għandhom "il-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja" joqogħdu għassa madwarhom biex ifittxu

dak li hu tajjeb, il-ġustizzja vera u l-ġid veru. Hekk juru r-raġġi tat-Trinita' ħerġin mill-kewkba ta' Betlehem, niżżlin 'l isfel għal fuq il-maxtura. Barra li juru t-twelid ta' Ġesù, l-Ostja bil-Chi-Rho tissimbolizza l-Ġisem ta' Kristu – il-Hobz tal-ħajja. Is-simbolu tat-Triquetra, il-fidi tat-Trinita Mqaddsa, tkompli ssaħħaħ il-fidi li Alla huwa preżenti fl-istorja u l-bniedem mhux imħolli waħdu.



WREATH: Il-qamħa, xitla b'zokk irqiq qasbi tagħmel sbula b'għanqud żrieragħ li mnixxef mitħun isir minnu l-ħobż. Simbolu tradizzjonali ta' l-Ewkaristija, il-Ġisem ta' Kristu, il-Hobż ta' dejjem.



Il-Hames Beatudni

*~ Henjin dawk li jħennu,*
*għax huma jsibu ħniena. ~*

DISINN: Din hija l-kwalita' t'Alla li dehret fil-milja tagħha fi Kristu. Alla huwa fidil minkejja l-infedelta tal-bniedem. Min jaf li Alla jħobbu lest li jsir sinjal ta' ħniena u jwassal il-maħfra lill-oħrajn. Hekk juri l-ġest ta' l-idejn bis-salib f'nofshom. Ix-xemx tirrappreżenta wkoll s-solidarjeta' li wieħed jista' juri f'din il-ħajja biex b'hekk 'isibu l-ħniena' fil-jum tal-ġudizzju.



WREATH: Il-vjola, xitla bi fjuri mżewqin xi drabi bojod, hija simbolu ta' l-umilta', il-karatteristika ta' dawk li jħennu.



Is-Sitt Beatudni

*~ Henjin dawk li huma safja f'qalbhom,*
*għax huma jaraw 'l Alla ~*

DISINN: Ta' "qalbhom safja" - ma jaħilfux bil-qerq, jgħożżu l-onesta', il-verita' u l-ġustizzja. Din is-safa, rappreżentata mis-simboli tal-ġarra bl-ilma u l-ġilju, mhix il-perfezzjoni morali imma s-sempliċita tal-qalb. Il-ħamiema, simbolu ta' l-Ispirtu s-Santu flimkien ma' l-Iskrittura Mqaddsa, huma l-għodda tal-bniedem li jrid ikun safi f'qalbu sabiex jingħata kollu kemm hu għal Alla.



WREATH: Il-ġilju, xitla li l-fjur tagħha tinbet minn basla u twarrad abjad, huwa simbolu tradizzjonalment assoċjat mal-purita', innoċenza, ġenwinita' u sempliċita', is-suġġett primarju ta' dan il-beatudni.

Is-Seba' Beatudni

*~ Henjin dawk li jġibu l-paċi,*
*għax huma jissejħu wlied Alla." ~*



DISINN: Il-bniedem li jġib il-paċi – il-biċċa xogħol li Alla ħalla f'idejn il-bnedmin. Il-bennejja tal-paċi, hawn rappreżentati mill-ġwienaħ ta' ħamiemu u mill-weraq taż-żebbuġ, it-tnejn simboli tradizzjonali tal-paċi, huma dawk li jistinkaw u jirsistu xi kultant bi tbatija u b'impenn, hekk murija mix-xabla li tidher fin-nofs. Għalkemm xi drabi jista' jagħti l-fatt li l-bennejja tal-paci jistgħu jitilfu l-popolarita tagħhom u jibqgħu waħidhom, dan mhux mitluf għaliex huwa dan li jwassalhom biex jidħlu fil-familja ta' Alla.



WREATH: Iż-żebbug, siġra komuni ħafna li mill-frotta tagħha jingħasa iż-żejt, huwa bla dubju ta' xejn, simbolu sinonimu tal-paċi.



It-Tmien Beatudni

*~ Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa,*
*għax tagħhom hija s-saltna tas-smewwiet ~*

DISINN: L- "ippersegwitati minħabba s-sewwa" - jżommu mat-triq it-tajba li jurihom Alla u ma jħallux lilhom infushom jiġu mkaxkra mill-kurrenti tad-dinja. Din il-persekuzzjoni hija rrappreżentata mix-xabla: simbolu ta' protezzjoni u ġustizzja. Isib konsolazzjoni għax il-persekuzzjoni hija sinjal li jinsab man-naħa t'Alla, man-naħa tar-rebbieħ. Din ir-rebħa, hekk murija mis-simbolu tal-palm: simbolu ta' rebħa u trijonf, twassal għal-premju: is-saltna tas-smewwiet simbolizzata mit-tlett istilel mdawwra mal-kuruna.



WREATH: Il-palm, siġra sabiħa togħla 'l fuq b'weraq kbar u tagħmel frott tawwali (tamar), kien minn żmien ir-Rumani assoċjat ma' rebħ u trijonf. Hekk ġiet adottata fl-arti reliġjuza sabiex tissimbolizza r-rebħ fuq il-ħażen.

## Disinji li saru minn Paul A. Stellini

Fuq in-naha ta' wara tal-qniepen hija ddedikata għal talba mil-Litanija lawretana. Allura fiċ-ċirku li nħoloq fin-nome di Maria hemm rapprezentata din it-talba jew relazzjoni mal-isem stess tal-qanpiena



**QANPIENA 1. Domus Aurea – Dar tad-Deheb**.

B'riferenza għad-dar ta' Loreto. Id-disinn taċ-ċirku juri xbieha tal-madonna bil-bambin u d-dar ta' loreto fuq ispirazzjoni ta' disinn simili li hu high relief fil-ġebla fil-faċċata tal-knisja l-qadima. Hija maħluqa minn Jean Claude Quinet li għamel il-basso riljiev.

**QANPIENA 2 Regina Familiae – Sultana tal-Familja**

Billi hija ddedikata lill-emigranti li ħallew art twelidna għall-ġid tal-familja tagħhom.

L-emblema taċ-ċirku tirrappreżenta lill-emigranti fil-5 kontinenti.

**QANPIENA 3 Causa Nostrae Laetitiae – Bidu tal-Ferħ tagħna.**

Il-ġarar tal-inbid u l-għeneb ifakkru fil-ferħ li ġab l-ilma mibdul fi nbid fit-tieġ ta' Kana.

**QANPIENA 4 Mater Salvatoris - Omm il-Feddej**

Is-salib huwa dejjem simbolu perfett ta' Kristu.

**QANPIENA 5 Mater Misericordiae – Omm il-Hniena**

Din hija marbuta wkol mal-Beatitudni ta' din il-qanpiena li ssejjaħ hienja lil dawk li jħennu. Turi l-qalb minfuda bis-sejf tal-Omm tagħna Addolorata, omm il-ħniena, f'relazzjoni wkoll mal-isem stess tal-qanpiena.

**QANPIENA 6 Mater Purissima – Omm l-iżjed safja.**

Din ukoll hija marbuta mal-beatitudni tal-istess qanpiena. Il-Hamiema u l-ilma ġieri jissimbolizzaw is-safa.

**QANPIENA 7 Regina Pacis**

F'relazzjoni mal-beatitudni tal-qanpiena. Marija hija msejħa s-sultana tal-Paċi.

**QANPIENA 8 Mater Ecclesiae**

L-isem tal-Qanpiena Maria Francesca jirreferi għal S.Franġisk li sema' leħen il-Mulej isejjaħlu "Franġisku mur ibni l-knisja tiegħi." Il-figura tal-knisja parrokkjali ta' Għajnsielem turi s-sejħa li għandna biex nibnu flimkien il-Knisja Hajja fir-Raħal ta' Għajnsielem.

Hemm ukoll simboli tas-salib tal-kavallieri b'dekorazzjoni magħhom li tpoġġew in-naħa t'isfel ta' kull qanpiena. Dari kienet issir il-konsagrazzjoni biż-żejt tal-Griżma fl-erbat irjieħ tal-qanpiena. Din m'għadiex issir imma tpoġġew erbat islaleb f'kull riħ.

Hemm ukoll is-slaleb dekorattivi għall-emblemi tal-kunjomijiet tal-benefatturi u salib tal-kavallieri b'salib gotiku fuqu biex jikkumplimenta l-emblemi.



PASTA ATZORI
Produced by Nicky Atzori
Lasagne
Ravioli
(fresh gozo cheese & rikotta)
Ravioli al salmone
Tortellini (meat & cheese)
Gnocchi di Patate
Tagliatelle
Spaghetti
Spaghetti Neri
Barchette
Cannelloni
Maccaroni
"Casa Atzori", Benghazi Street, Ghajnsielem.
Tel.: 2156 2731 Mob.: 9988 0811